**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 221/2020**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Michael Scerri**
**Disma Azzopardi**

Illum 14 ta' Diċembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanti **Michael Scerri**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 256879(M), u **Disma Azzopardi**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 663959(M), akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli:

1. fuq talba tad-Direttur Ġenerali tad-Dwana talli fit-13 ta' Jannar 2014 mal-wasla tagħhom f'Malta minn Dubai via Ċipru mat-titjira EK 107, ġewwa l-Mitjar Internazzjonali ta' Malta, instab li dik il-ġurnata, it-tnejn flimkien, bil-kompliċita' u l-ko-

operazzjoni ta' xulxin, xjentement kienu mdaħħla f'evażjoni jew tentattiv ta' evażjoni frawdolenti ta' Dazji u Taxxa li jkun imiss jitħallas jew tal-liġijiet u restrizzjonijiet tad-Dwana, billi għamlu dikjarazzjoni falza mad-Dwana fis-sens li minn sitt (6) Holdalls li kienu jikkonsistu f'kunsinna ta' *mobile phones*, aċċessorji u 66 kartuna sigaretti, liema oġġetti ġew importati minnhom stess fl-istess titjira u ċioè EK 107, ġew dikjarati biss tnejn (2) mill-imsemmija Holdalls minn Michael Scerri. Għar-rigward l-erbgħa (4) l-oħra Disma Azzopardi ttenta joħroġhom mill-Blue Exit, liema azzjoni ma seħħetx peress li twaqqaf milli jibqa' ħiereġ mill-uffiċjal tad-Dwana.

L-erbgħa (4) u ż-żewġ (2) holdalls fuq imsemmija kien fihom l-oġġetti hawn taħt elenkati, rispettivament:

| Oġġetti misjuba fl-erbgħa (4) Holdalls: | |
|---|---|
| 252 *Mobile Phones*;<br>79 *Chargers*;<br>148 *Cables*;<br>155 *Earphones*; | Valur: €49,585.00<br>Dazju ta' Importazzjoni: €6.00<br>Taxxa fuq il-Valur Miżjud:<br>€8,927.00 |
| 63 kartuna b'200 sigarett kull kartuna Rothmans KS Blue;<br>3 kartuniet b'200 sigarett kull kartuna Silk Cut Purple | Valur: €593.13<br>Dazju ta' importazzjoni: €341.64<br>Dazju tas-Sisa: €1,978.50<br>Taxxa fuq il-Valur Miżjud: €524.39 |

| Oġġetti misjuba fiż-żewġ (2) Holdalls: | |
|---|---|
| 94 *Mobile Phones*;<br>126 *Parts*;<br>80 *Memory Cards*;<br>10 *Batteries*;<br>71 *Chargers*;<br>71 *Headphones*; | Valur: €31,678.00<br>Dazju ta' Importazzjoni: €7.30 |

| | |
|---|---|
| 71 *USB*;<br>1 *Sunglasses*; | Taxxa fuq il-Valur Miżjud: €5,703.00 |

Fir-rigward l-oġġetti kollha, esklużi s-sigaretti, dawn għandhom valur totali ta' €81,263.00, Dazju ta' Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Miżjud (V.A.T.) li jammontaw għal €13.30 u €14,630.00 rispettivament, filwaqt is-sigaretti, dawn għandhom Valur ta' €593.13, Dazju tas-Sisa dovut ta' €1,978.50, kif ukoll Dazju ta' Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Miżjud (V.A.T.), li jammontaw għal €341.64 u €524.39 rispettivament. B'hekk ittentaw li jevadu: id-Dazju tas-Sisa li jammonta għal €1,978.50, Dazju ta' Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Miżjud (V.A.T.), li jammontaw għal €347.64 u €9,451.39 rispettivament, fejn liema Dazji u Taxxa ma kinux ġew imħallsa u/jew kawtelati.

2. <u>fuq talba tad-Direttur Ġenerali tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud</u> talli fit-13 ta' Jannar 2014, mal-wasla tagħhom f'Malta minn Dubai via Ċipru mat-titjira EK 107, ġewwa l-Mitjar Internazzjonali ta' Malta, instab li f'dik il-ġurnata, it-tnejn flimkien, bil-kompliċita' u l-kooperazzjoni ta' xulxin xjentement kienu mdaħħla f'evażjoni jew tentattiv ta' evażjoni frawdolenti ta' Dazji u Taxxa li jkun imiss jitħallas jew tal-liġijiet u restrizzjonijiet tad-Dwana, billi għamlu dikjarazzjoni falza mad-Dwana fis-sens li minn sitt (6) Holdalls li kienu jikkonsistu f'kunsinna ta' *mobile phones*, aċċessorji u 66 kartuna sigaretti, liema oġġetti ġew importati minnhom stess fl-istess titjira u ċioè EK 107, ġew dikjarati biss tnejn (2) mill-imsemmija Holdalls minn Michael Scerri. Għar-rigward l-erbgħa (4) l-oħra Disma Azzopardi ttenta joħroġhom mill-Blue Exit, liema azzjoni ma seħħitx peress li twaqqaf milli jibqa' ħiereġ mill-Uffiċjal tad-Dwana.

L-erbgħa (4) u ż-żewġ (2) holdalls fuq imsemmija kien fihom l-oġġetti hawn taħt elenkati, rispettivament:

| Oġġetti misjuba fl-erbgħa (4) Holdalls: | |
|---|---|
| 252 *Mobile Phones;*<br>79 *Chargers;*<br>148 *Cables;*<br>155 *Earphones;* | Valur: €49,585.00<br>Dazju ta' Importazzjoni: €6.00<br>Taxxa fuq il-Valur Miżjud: €8,927.00 |
| 63 kartuna b'200 sigarett kull kartuna Rothmans KS Blue;<br>3 kartuniet b'200 sigarett kull kartuna Silk Cut Purple | Valur: €593.13<br>Dazju ta' importazzjoni: €341.64<br>Dazju tas-Sisa: €1,978.50<br>Taxxa fuq il-Valur Miżjud: €524.39 |

| Oġġetti misjuba fiż-żewġ (2) Holdalls: | |
|---|---|
| 94 *Mobile Phones;*<br>126 *Parts;*<br>80 *Memory Cards;*<br>10 *Batteries;*<br>71 *Chargers;*<br>71 *Headphones;*<br>71 *USB;*<br>1 *Sunglasses;* | Valur: €31,678.00<br>Dazju ta' Importazzjoni: €7.30<br>Taxxa fuq il-Valur Miżjud: €5,703.00 |

Fir-rigward l-oġġetti kollha, esklużi s-sigaretti, dawn għandhom Valur totali ta' €81,263.00, Dazju ta' Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Miżjud (V.A.T.), li jammontaw għal €13.30 u €14,630.00 rispettivament, filwaqt is-sigaretti, dawn għandhom Valur ta' €593.13, Dazju tas-Sisa dovut ta' €1,978.50, kif ukoll Dazju ta' Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Miżjud (V.A.T.), li jammontaw għal €341.64 u €524.39 rispettivament. B'hekk ittentaw li jevadu: id-Dazju tas-Sisa li jammonta għal €1,978.50, Dazju ta' Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Miżjud (V.A.T.), li jammontaw għal €347.64 u €9,451.39 rispettivament, fejn liema Dazji u Taxxa ma kienux ġew imħallsa u/jew kawtelati

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha eżebiti

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputati għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x' jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif kontemplat f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-12 ta' Ottubru 2020, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 60(e)(k), 62(a)(i)(k)(m), paragrafu (a) tal-*proviso* ta' Artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikoli 16(1)(j) u 17(1)(a)(d) tal-Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta, u Artikolu 80 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, sabet lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tagħhom u kkundannatom kull wieħed għall-piena ta' priġunerija ta' sena sospiża għal tliet (3) snin *ai termini* ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u multa komplessiva ta' sebat elef Euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€7000.32) li terz minnha ossia elfejn, tliet mija u tlieta u tletin Euro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€2333.44)kienu pagabbli minnufih bħala dejn ċivili lid-Direttur Ġenerali (Dwana), il-bilanċ ossia erbat elef, sitt mija u sitta u sittin Euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€4666.88) kellhom jitħallsu skont il-liġi. Il-Qorti ordnat il-konfiska tal-oġġetti elevati u eżebiti u/jew ta' kull rikavat. Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ċar ir-responsabilitajiet tagħhom taħt Artikoli 28A u 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-Rikors tal-appellanti ppreżentat fis-27 ta' Ottubru 2020 fejn, filwaqt li għamlu riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, talbu lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjarahom mhux ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom u b'mod sussidjarju fl-eventwalita' li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-ħtija, li tvarja l-piena mposta b'piena aktar ekwa u ġusta għall-każ odjern."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebiti mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-12 ta' Ottubru 2020.

Illi fir-Rikors tal-appell tagħhom l-appellanti jressqu numru ta' aggravji li dwarhom ser isiru konsiderazzjonijiet hawn taħt f'din is-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellanti huwa li s-sentenza appellata hija waħda konfliġġenti għaliex waqt li l-Ewwel Qorti qalet mill-ewwel li kienet qed tiskarta l-istqarrijiet rilaxxati minnhom, hija ma skartatx kwalunkwe dikjarazzjonijiet sewwa bil-miktub jew xort'oħra li huma għamlu fl-istadju investigattiv u dan meta ma kienux ingħataw id-dritt li jkollhom rappreżentant legali matul tali investigazzjonijiet. Huma jirreferu għad-direttiva tal-Unjoni Ewropea u għal numru ta' sentenzi mogħtija mill-Qrati.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tinnota li wara li qrat bir-reqqa s-sentenza appellata mkien ma rriżultalha li l-Ewwel Qorti straħet fuq xi kliem li għadda bejn l-uffiċjali u l-appellanti.

Jirriżulta li bħalma l-Ewwel Qorti espliċitament skartat l-istqarrijiet magħmula mill-appellanti, bl-istess mod imkien ma għamlet xi riflessjonijiet fuq dak li ntqal minnhom. L-appellanti imkien ma jindikaw espliċitament fl-appell tagħhom fejn dan sar u fejn jidher fis-sentenza. Għalhekk l-ewwel aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tieni aggravju</u> huwa dwar l-apprezzament tal-provi. Dan l-aggravju huwa maqsum fi tnejn:

- dwar id-depożizzjoni ta' Carmel Calleja u
- dwar il-vuċi mismugħa fuq il-filmat immarkat bħala Dok. "AMX 8".

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti eżaminat mill-ġdid il-provi mressqa quddiem l-Ewwel Qorti b'dan illi, bħal l-Ewwel Qorti, din il-Qorti mhijiex ser tieħu in konsiderazzjoni l-istqarrijiet rilaxxati mill-appellanti. Għal kjarezza, din il-Qorti mhijiex anqas ser tieħu konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet sewwa bil-miktub jew xort'oħra li l-appellanti għamlu fl-istadju investigattiv.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-

Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

Illi għalhekk dak li trid tagħmel din il-Qorti huwa li tistħarreġ jekk bil-provi mressqa l-Ewwel Qorti setgħetx tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha.

Illi dwar id-depożizzjoni ta' Carmel Calleja l-appellanti ma jaqblux mal-interpetazzjoni li għamlet l-Ewwel Qorti tad-depożizzjoni msemmija. Jisħqu li Calleja uża d-dritt għas-silenzju tiegħu u ma rrispondiex għal diversi mistoqsijiet li sarulu. Jgħidu li dan ma jistax ikun interpretat li Calleja kien implikat f'xi aġir illegali jew li huma (l-appellanti) kienu miftehma miegħu. Jirreferu għal Artikolu 355AU tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u jgħidu li l-Ewwel Qorti inferiet l-allegata intenzjoni kriminuża tagħhom mis-silenzju tax-xhud. Jisħqu li jekk għall-grazzju tal-argument il-Qorti waslet għall-konklużjoni li Calleja għenhom, allura huwa kellu jitqies bħala kompliċi u b'hekk kellhom japplikaw Artikoli 658 u 661 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jargumentaw li s-silenzju ta' Calleja m'għandux ikun interpretat li hu u huma għenu lil xulxin u kwalunkwe dikjarazzjoni jew aġir ta' Calleja mhux ammissibbli fil-konfront tagħhom.

Illi dwar id-depożizzjoni ta' Carmel Calleja, din il-Qorti tinnota li Carmel Calleja ma jirriżultax li kien ko-akkużat mal-appellanti u mill-atti proċesswali minn imkien ma jirriżulta li hu kien kompliċi. Jirriżulta li l-Ewwel Qorti avżat lil dan ix-xhud, kif kienet

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

obbligata li tagħmel, bid-drittijiet tiegħu qabel beda jixhed u hu għażel li jixhed. Ma' dan, din il-Qorti żżid tgħid ukoll li huwa f'idejn min irid jiġġudika l-fatti *"billi jittieħed qies tal-imġiba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xhieda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ"* u dana skont kif jirriżulta minn Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma jfissirx li persuna tkun suspettata allura ma tistax tittella' tixhed. Tibqa' l-għażla ta' din il-persuna li toqgħod attenta li ma tinkriminax ruħha b'dan illi x-xiehda ta' Calleja hija ammissibbli ġialadarba hu ma kienx ko-akkużat. Għaldaqstant l-argumenti mressqa mill-appellanti dwar id-depożizzjoni ta' Carmel Calleja qed ikunu miċħuda.

Illi dwar il-vuċi mismugħa fuq il-filmat immarkat bħala Dok. "AMX 8" l-appellanti jagħmlu riferenza għal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti qalet hekk (*a fol.* 229): *"Michael Scerri resaq lejn il-ħanut u tkellem mal-uffiċjal tad-Dwana Charlie (Carmel) Calleja u dan Calleja qal lill-imputat Michael Scerri l-kliem "isma' insa kollox illum ta"."* L-appellanti jissottomettu li dan ma jirriżultax mill-provi prodotti. Huma jirreferu għax-xiehda li ta William Grech (Kap tat-Taqsima tad-Dwana fl-ajruport) (*a fol.* 94) u wara għaddew għal dak li jgħidu Blackstone, Archbold and Murphy dwar *voice identification*. Dawn jinsistu fuq il-ħatra ta' espert biex issir tali identifikazzjoni fejn jeżistu xi *recordings* tal-vuċi tal-persuna. Jisħqu li ġialadarba ma nħatarx espert tal-vuċi, l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet li l-appellant Scerri *"tkellem mal-uffiċjal tad-Dwana Charlie Calleja"* (*a fol.* 229).

Illi dwar il-vuċi mismugħa fuq il-filmat immarkat bħala Dok. "AMX 8", din il-Qorti tinnota li l-appellanti ma jirreferux għal dak li xehdet l-Uffiċjal Prosekutur l-iSpettur Anne Marie Xuereb. Hija qalet hekk (*a fol.* 17): *"Jien, min-naħa tiegħi, meta tkellimt mal-Customs Officer Charlie Calleja, imbagħad l-investigazzjoni kibret aktar. Dan kien ammetta li kien leħnu, iva, li qal dan il-kliem [Insa kollox illum] pero' qatt ma qal għalfejn qal dan il-kliem lil Michael Scerri."* Minkejja dan u minkejja li l-iSpettur indikat li kien Calleja stess li qalilha li kien hu li qal dan il-kliem pero' l-Ewwel Qorti kellha

tappunta espert kif imsemmi mill-appellanti. Jirriżulta pero' li l-Ewwel Qorti waslet sabiex issib ħtija fl-appellanti meta hija ħadet in konsiderazzjoni l-assiem tal-provi prodotti. Il-vuċi mismugħa waħidha ma kinitx dak li wassal lill-Ewwel Qorti tasal għal konklużjoni tagħha.

Illi minkejja li l-appellanti għandhom raġun dwar dak sottomess minnhom fir-rigward tal-vuċi mismugħa fil-filmat u b'hekk it-tieni aggravju tal-appellanti qed ikun milqugħ biss f'dan is-sens, il-bqija tal-aggravju in eżami qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tielet aggravju tal-appellanti huwa dwar l-intenzjoni kriminuża tagħhom. L-appellanti jargumentaw li tenut kont tal-fatt li l-Prosekuzzjoni għoġobha tixliehom b'tentattiv ta' evażjoni frawdolenti ta' dazji u taxxi, kien jispetta lill-istess Prosekuzzjoni li tipprova sal-grad rikjest mil-liġi l-intenzjoni kriminuża tagħhom, ossia l-intenzjoni illi jevadu t-taxxa u d-dazju. Jagħmlu riferenza għax-xiehda mogħtija mill-eks Uffiċjal tad-Dwana Lino Attard Biancardi (*a fol.* 66 *et seq.*) fl-14 ta' Novembru 2016 u għal dik mogħtija mill-Uffiċjal tad-Dwana Kevin Francica (*a fol.* 110 *et seq.*) fis-27 ta' Frar 2017. Jisħqu li l-fatt li l-*invoices* ppreżentati mill-appellant Scerri kienu jkopru l-merkanzija kollha kkonfermah ukoll il-Kap Spettur fid-Dipartiment tad-Dwana Carmel Attard (*a fol.* 126). L-appellanti stqarrew li l-intenzjoni tagħhom kienet li jiddikjaraw il-merkanzija kollha iżda meta l-uffiċjal tad-Dwana ordna lil Azzopardi joħroġ barra mill-uffiċju u mar ifittex uffiċjal tad-Dwana ieħor sabiex ikunu jistgħu jiġu dikjarati l-kumplament tal-merkanzija, hawn Azzopardi twaqqaf minn Attard Biancardi, uffiċjal tad-Dwana. Jgħidu li huma ppreżentaw il-fatturi li jkopru l-merkanzija kollha u li l-verżjoni tagħhom (tal-appellanti) għandha mis-sewwa. Isostnu li l-Prosekuzzjoni naqset li tipprova l-intenzjoni kriminuża.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li hija reġgħet eżaminat u qieset il-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti. Jirriżulta ċar li ż-żewġ appellanti ġew flimkien minn Dubai u malli

ttieħdu l-bagalji minn fuq it-*trolley* Disma Azzopardi neħħa t-*tags* minn mal-bagalji u Michael Scerri tefagħhom fil-bin. Issa jekk Michael Scerri daħal jiddikjara, meta hu kellu parti żgħira biss mill-konsenja ta' *mobile* u aċċessorji, safrattant Disma Azzopardi għadda bl-affarijiet l-oħra mill-*blue exit* li jista' jintuża' biss meta persuna tkun ġejja minn pajjiż fl-Unjoni Ewropea. Il-qofol ta' kollox huwa propju hawn – jekk Disma Azzopardi għamilx xi żball meta xi uffiċjal qal lil Disma Azzopardi biex jistenna barra u Azzopardi baqa' ħiereġ. Hawnhekk hija sitwazzjoni fejn l-ewwel kien hemm it-tneħħija tat-*tags* għaliex dawn ma jaqgħux waħidhom u lanqas ma jaqgħu ta' erba' bagalji f'daqqa! Imbagħad hemm li wieħed jaf li ġej minn pajjiż barra l-Unjoni Ewropea u joħroġ minn exit li ma setax juża. Dan kollu juri katina fl-avvenimenti li seħħew. Il-fatt li kien hemm l-*invoices* fil-bagalji ta' Scerri ma jfissirx li ma kienx hemm l-intenzjoni kriminuża. L-ewwelnett f'dawn il-bagalji kien hemm numru ta' *mobile phones* u li l-bqija kienu fil-bagalji li kien qed joħroġ Disma Azzopardi mill-*blue exit*. Barra minn dan xejn ma jissemma dwar is-sigaretti. Din il-Qorti lanqas hi konvinta li Disma Azzopardi mar ifittex uffiċjal ieħor għaliex li kieku kellu l-intenzjoni li jagħmel hekk kien jibqa' ġewwa sa ma jmiss it-*turn* tiegħu u mhux joħroġ bil-bagalji bla *tags* mill-*blue exit*. L-intenzjoni kriminuża tirriżulta mill-atti. Fin-Noti tiegħu "Notes on Criminal Law", il-**Professur Sir Anthony Mamo** jikkummenta hekk (paġna 60):

> *"It might seem [...] that rule thus rendering the existence of a complex mental element necessary to create this legal liability would, usually, cause the prosecutor such difficulty in obtaining evidence of it. For, to borrow the saying of a medieval judge, which Sir Frederick Pollock has made familiar to modern readers, "the thought of man is not triable, for the Devil himself knoweth not the thought of man." But this difficulty seldom arises in practice: for in most cases the law regards the criminal act itself as sufficient 'prima facie' proof of the existence of criminal intent."*

Illi b'hekk jirriżulta li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellanti allura imputati lil hinn minn

kull dubju raġonevoli. Għaldaqstant it-tielet aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi r-raba' aggravju huwa dwar il-multa imposta mill-Ewwel Qorti. L-appellanti jisħqu li l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta imponiet il-multa fuq kull wieħed minnhom. Jargumentaw li *dato ma non concesso* li l-operazzjoni in kwistjoni kienet ser tagħmel gwadann assoċjazzjoni waħda, il-multa kellha tkun imposta kollettivament u li in oltre b'dan il-mod id-Dipartiment tad-Dwana kien ser jirċievi erbat elef, sitt mija u sitta u sittin Euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€4666.88) minflok elfejn, tliet mija u tlieta u tletin Euro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€2333.44). Jgħidu li dan huwa arrikkiment mhux ġustifikat.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tinnota li l-liġi hija ċara fuq dan il-punt għaliex tgħid espressament "Kull min". L-Ewwel Qorti sabet liż-żewġ appellanti ħatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontrihom u għalhekk kull wieħed minnhom irid iħallas il-multa sħiħa b'terz minnha pagabbli bħala dejn ċivili lid-Direttur Ġenerali tad-Dwana. Dan jirriżulta mil-liġi. In-nozzjoni ta' arrikkiment mhux ġustifikat ma tapplikax fejn il-liġi hija tassattiva u hija intiża biex tiskoraġixxi lil kull persuna milli twettaq r-reati li l-appellanti allura imputati ġew misjuba ħatja tagħhom. Għaldaqstant, anke r-raba' aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellanti Michael Scerri u Disma Azzopardi u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi t-termini msemmija mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata jibdew jgħaddu millum.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |